**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**12 ta' Lulju, 2020**

# DEĦLIN FL-GĦALQA!

Ġesù jxebbah il-ħajja ta' Nisrani impenjat ma' dik ta' bidwi li jmur jaħdem fl-għalqa. Intom l-istudenti li se tirċievu s-sagrament tal-konfermazzjoni, tal-Griżma, stħajlukom li se tidħlu taħdmu f'għalqa kbira. Nhar it-Tlieta li ġejja, fis-7.00pm intom se tirċievu d-dilka taż-żejt tal-Griżma. B'mod li ma jidhirx intom se tirċievu l-qawwa, l-għajnuna li l-Ispirtu Mqaddes, l-Ispirtu s-Santu, se jagħtikom. B'dan is-sagrament intom se ssiru responsabbli ta' biċċa xogħol. Stħajlukom li se jkollkom biċċa art f'idejkom.

- F'din l-għalqa se tiżirgħu u tħawlu dak kollu li hu tajjeb għalikom u għall-oħrajn;
- L-għalqa hija l-ħajja tagħkom stess li minnha tridu taqilgħu  l-ħaxix ħażin li huwa d-dnub u dak kollu li huwa egoiżmu;
- L-għalqa hija l-familja tiegħek u l-grupp ta' sħabek li inti se ssaqqiha  bl-ilma frisk tat-talb tiegħek u tal-eżempju tajjeb li tagħti;
- Tifel jew tifla jkun ħaqqu li jirċievi s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof meta huwa jkun konvint li issa jrid iżomm kuntatt ma' Ġesù. Il-Kelma ta' Kristu u l-Ewkaristija huma għalina bħal dak l-ikel u s-sustanzi li aħna nagħtu lix-xtieli fl-għalqa.



Kull għalqa għandha affarijiet li jnixxfulha l-pjanti: riħ qawwi, silġ, ġlata, nixfa kbira. Intom ukoll, għeżież tfal tal-Griżma, fil-ħajja se jkun hemm affarijiet li ma tkunux triduhom: tmur ħażin f'xi eżami, tara nuqqas ta' mħabba mingħand sħabek, xi marda fil-familja, jew tara li fid-dar naqset l-imħabba. Meta jiġri dan, ftakar li hemm l-Ispirtu s-Santu li qiegħed ġo fik u li se jgħidlek kif iġġib ruħek, kif titkellem u kif twassal l-imħabba inti stess. Nawguralkom f'dan il-jum għażiż li fih se ssiru Nsara ħaddiema fl-għalqa li kif qal Ġesù, fiha hemm ħafna ħsad xi jsir.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI OĦRA:**

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** ifakkar li għada t-Tnejn 13 ta' Lulju se jkun hemm tombla fis-7.30pm quddiem iċ-Ċentru stess.

**GĦOTI TAD-DEMM:** imiss nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju mis-1.00pm sal-5.00pm fil-Berġa tax-Xewkija.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju mmexxija minn Mons. Salv Pace. Se tkun fil-knisja Bażilka u tibda fis-6.00pm. Kulħadd mistieden.

**IS-SORIJIET TAN-NADUR:** jixtiequ javżaw lil dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal jagħlqu 3 snin sal-aħħar tas-sena li jistgħu jmorru l-kunvent biex jinkitbu.

**SALA GĦALL-KIRI:** is-Sala Parrokkjali qed tiġi offruta għall-kiri biex tagħmlu xi party fiha, matul il-ġimgħat tas-sajf. B'hekk tkunu tistgħu tagħmlu festa filwaqt li jinżamm is-social distancing. Għal iktar informazzjoni kellmu lil xi ħadd fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**IRĊEVUTI:** Qed nerġgħu nigbru l-irċevuti fiskali. Min jixtieq jagħti dawn l-irċevuti lill-parroċċa tistgħu tpoġġuhom fil-kaxxa ta' ħdejn il-bieb tat-Tramuntana jew tħalluhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** tavża li lotterija tal-inkwatru ta' San Pietru u San Pawl tela' fih Joseph Meilaq, min-Nadur u joqgħod Għajnsielem bin-numru 892 biljett oranġjo (AD 743377)

**BEJGĦ TA' RAM U BRONŻ:** Nirringrazzjaw lil dawk kollha li ġabu ram, wajers tad-dawl, vitien, linef, radiators biex jinbiegħu għall-knisja. Leli Grima offra s-servizz tat-trasport tal-metalli għal Malta u mill-materjal li nbiegħ daħħalna s-somma sabiħa ta' €762 għall-knisja. Grazzi speċjali lil dawk li jnaddfu l-metall mill-plastik li jkollu miegħu, speċjalment lil Ġużepp Camilleri u Marija Grech.

**PUBBLIKAZZJONI SPEĊJALI:** Qed naħdmu fuq direttorju li se jkun fih tagħrif dwar dawk li għandhom ħwienet u li joffru servizzi hawnhekk fin-Nadur u se jitqassam fid-djar kollha tal-parroċċa. Dawk kollha li għandhom negozju jew li joffru servizz u jixtiequ jirreklamaw għandhom jiġu l-Uffiċċju biex jimlew il-formola. Għar-reklam wieħed iħallas minimu ta' €30. Id-dħul minn dan id-direttorju se jmur għall-festa tas-sena d-dieħla u wkoll biex nigbru l-fondi meħtieġa għal-lift li se jkollna fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-lift se jkun ta' utilità kbira għax iwassal lil dak li jkun mill-basement sal-aħħar sular. Ħsibna li l-lift ikun ta' daqs tajjeb li jidħol wheelchair ġo fih.